MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 208/2008

**Harbour Management Limited (C29326)**

**Vs**

**Norman Dimech**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' seba' mija u disgha u disghin Euro u hdax-il centezmu (€799.11) – tlett mija u tlieta u erbghin liri Maltin u sitt centezmi (Lm343.06c) in konnessjoni ma' diversi servizzi u facilitajiet provduti mill-istess socjeta' attrici fuq il-bastiment M/Y KIM fuq inkarigu tal-konvenut, liema somma hija dovuta skond kif muri fuq kopja ta' fattura numru 1728 datata 2 ta' Gunju, 2007 (dok. 'A' anness mat-talba).

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra nterpellatorja datata 18 ta' Frar, 2008 (kopja dok. 'B' annessa mat-talba) u bl-

imghaxijiet bl-oghla rata skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' seba' mija u disgha u disghin Euro u hdax-il centezmu (€799.11) – tlett mija u tlieta u erbghin liri Maltin u sitt centezmi (Lm343.06) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------